# ITTRA PASTORALI

**MILL-E.T. MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA**
**Arċisqof ta' Malta**

## RANDAN 2006

**LURA F'DAR IL-MISSIER**

Maħbubin Uliedna,

Fil-bidu tar-Randan Imqaddes, tkun ħaġa tajba u f'waqtha jekk, bħala individwi u bħala komunita', nieqfu nirriflettu ftit fuq x'irridu nagħmlu biex dan iż-żmien speċjali fil-ħajja ta' l-Insara ma jiġix u jmur mingħajr ma jħallilna frott spiritwali kotran f'ħajjitna.

Fil-ħajja mgħaġġla u konsumistika tal-lum, bl-istili ta' għajxien li spiss jipproponulna ċerti mentalitajiet jew kulturi li kull ma jmur qed jagħtu l-ġenb lil Alla, faċli jiġrilna li, forsi mingħajr ma nkunu rridu jew mingħajr ma nindunaw, nibdew nitbiegħdu minn Alla u nonqsu li nagħmlu dak li l-Mulej jistenna minna f'ħajjitna.

Wieħed mis-sinjali l-kbar li juru li l-bniedem ikun qed jitbiegħed minn Alla huwa meta l-bniedem jibda jaħseb li l-kejl ta' x'inhu tajjeb jew le għalih innifsu, qiegħed biss f'idejh u jiddeċiedi dwaru hu stess. Meta l-bniedem jintrebaħ u jinħakem minn din it-tentazzjoni kbira ta' żmienna, il-bniedem jagħti dahru lil Alla u jibda jagħmel dak li jrid u dak li jogħġbu. Dan iġiblu konsegwenzi koroh fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Ħallieq u mal-proxxmu.

Meta l-bniedem jaqbad din it-triq, il-bniedem ikun qed jistieden il-gwaj li jaf jiżra' l-egoiżmu li jaħkem lill-bniedem meta huwa jibda jqis biss xi jrid hu għalih innifsu u x'jaqbel lilu fil-mument li jkun qed jgħix, mingħajr ebda riferenza għar-rieda ta' Alla.

Ħafna mid-diżordnijiet ta' żmienna jsibu għeruqhom fl-iżball kbir li jagħmel il-bniedem meta jinsa li Alla jridna nħobbuh fuq kollox u b'qalbna kollha, u nħobbu wkoll lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna.

**Is-sejħa tar-Randan**

Ir-Randan joffrilna l-okkażjoni biex, kien x'kien l-imgħoddi tagħna, nirrikonċiljaw irwieħna ma' Alla u mal-proxxmu tagħna.

Fir-Randan, il-Knisja ssejħilna biex nitolbu, nagħmlu penitenza, insumu, nagħmlu sagrifiċċji personali, inqiegħdu lilna nfusna quddiem Alla, u niskopru mill-ġdid min aħna u x'ħejja Alla għalina. Il-Knisja tagħmel dan mhux biex qisha tikkastigana jew biex issewdilna qalbna, iżda biex tfakkarna kemm Alla jħobbna u turina kif nistgħu nwieġbu għall-imħabba tiegħu.

Fir-Randan, il-Knisja tfakkarna fis-sejħa tagħna, bħala bnedmin, għal ħwejjeġ li huma 'l hemm mill-oġġetti ta' din id-dinja, li faċilment jaljenawna minn dak li hu essenzjali. Tfakkarna wkoll fis-sejħa fundamentali tagħna: aħna niġu mingħand Alla u rridu nirritornaw għand Alla billi naslu sal-Qawmien, jiġifieri t-triq miftuħa u mħejjija għalina mill-Feddej Irxoxt.

Ir-Randan hu, għalhekk, żmien ta' verita' kbira, verita' profonda li tħeġġiġna ninbidlu u niġġeddu, tagħtina mill-ġdid it-tama, u tgħinna nħaddnu dak kollu li jiksbilna l-paċi ma' Alla u mal-proxxmu.

**L-iben il-ħali**

Id-dnub jagħmlilna ħafna ħsara. Ibiegħdna minn Alla u mill-proxxmu. Imma hija kbira kemm hija kbira l-ħtija tagħna quddiem Alla u quddiem il-bnedmin, m'għandniex naqtgħu qalbna. Aħna min aħna, għamilna x'għamilna f'ħajjitna, Alla għadu u jibqa' jħobbna.

Jekk inħossu li hemm xi vojt bejn Alla u bejnna, dan ikun ġej biss min-naħa tagħna u mix-xkiel li jikkaġunalna d-dnub. Iżda wkoll jekk l-imgħoddi tagħna huwa mtebba' b'xi inġustizzja, azzjoni ħażina, firda, deni, jew xi dgħufija umana oħra, dan ma jfissirx li Alla m'għadux iħobbna. Alla jibqa' joffrilna l-fejqan. Alla jibqa' jistedinna u jħeġġiġna biex nirritornaw għandu ħalli jkun jista' jilqagħna u jħaddanna miegħu bl-istess mod li l-Missier tal-Parabbola laqa' u ħaddan l-iben ħali tiegħu.

Dan l-iben, li ħa mingħand missieru sehmu tal-wirt, telaq mid-dar, mar f'pajjiż 'il bogħod u berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra, nistgħu nxebbħuh mal-bniedem ta' kull żmien. Indirettament, din il-parabbola tfakkarna f'kull ksur tal-patt ta' l-imħabba, kull telfien tal-grazzja, kull ħtija, kull nuqqas ta' fedelta'.

Fir-rakkont ta' l-iben il-ħali, il-missier hu xbieha ta' Alla bħala Missier. L-għemil tal-missier fil-parabbola u l-imġiba kollha tiegħu, li juru x'kien iħoss f'qalbu, jgħinuna naraw fihom is-suriet kollha tal-ħniena ta' Alla. Missier l-iben il-ħali juri ruħu fidil għan-natura tiegħu ta' missier, fidil għall-imħabba li dejjem wera ma' ibnu. Fil-parabbola, din il-fedelta' tidher mhux biss għaliex il-missier minnufih ħaddan miegħu lil ibnu li kien reġa' lura għandu wara li berbaq ġidu kollu. Il-missier juri din il-fedelta' wisq aktar bil-ferħ u bil-festa hekk kbira li għamel biex jilqa' mill-ġdid lil ibnu fl-imħabba u d-dinjita' ta' l-istess dar li minnha l-iben kien telaq minn jeddu.

**Ħniena bla qies**

Nafu lkoll li l-perfezzjoni tal-Mulej hi bla qies. Hekk ukoll il-ħniena tiegħu: hija ħniena bla qies, infinita. Bla qies ukoll, għalhekk, hija r-rieda mħeġġa ta' Alla li jilqa' lil kull iben ħali li jerġa' lura d-dar. Il-qawwa tal-maħfra li bla heda toħroġ mis-sagrifiċċju tal-Ħaruf Divin ma tafx x'inhu tmiem. Ebda dnub tal-bniedem ma jista' jegħleb din il-qawwa ta' mħabba li taħfer jew jillimitaha.

Il-qawwa tal-maħfra miksuba mis-sagrifiċċju ta' Kristu tista' tiġi limitata biss min-naħa tal-bniedem, jekk fil-bniedem ma jkunx hemm rieda tajba, ħeġġa għall-konverżjoni u għall-indiema. Fi kliem ieħor, din il-qawwa jillimitaha biss il-bniedem li jwebbes qalbu, li jfixkel il-grazzja ta' Alla fih, u jmur kontra l-verita' speċjalment tax-xiehda tas-Salib u l-Qawmien ta' Kristu.

Ħadd m'għandu jonqsu l-kuraġġ li jagħmel il-pass meħtieġ biex jerġa' lura għand il-Missier, li qed jistiednu jilqa' l-maħfra li ġabilna Kristu. Fl-aħħar mill-aħħar, nafu li r-rabta tagħna mal-Missier bħala wliedu ma tistax la titneħħa, u lanqas tiġi fix-xejn b'xi għemil, ikun li jkun. L-iben il-ħali ntebaħ b'din il-verita': huwa proprju dan li ġiegħlu jagħraf liema kienet id-dinjita' li tilef bogħod mid-dar ta' missieru u jqum biex niedem jerġa' lura fl-imħabba u l-paċi tiegħu.

**‘Aħfrilna bħalma aħna naħfru’**

Il-bniedem mhux biss isib u jara l-ħniena ta’ Alla, imma huwa wkoll imsejjaħ biex juri ħniena ma’ l-oħrajn. Kristu kellimna ċar: “Henjin dawk li jħennu, għaliex huma jsibu ħniena.”

Il-beatitudnijiet tad-Diskors tal-Muntanja kollha juru t-triq għall-konverżjoni u għal bidla fil-ħajja. Biss il-beatitudni li titkellem fuq dawk li jħennu, titkellem b’qawwa tassew kbira fuq hekk. Il-bniedem jersaq lejn il-ħniena ta’ Alla daqskemm jinbidel fih innifsu, fl-ispirtu ta’ l-imħabba għal għajru.

Kull darba li ngħidu t-talba li għallimna Ġesu’ stess, “Il-Missierna”, aħna nitolbu lil Alla jaħfrilna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina.

Ejjew, f’dan ir-Randan, inqiegħdu dejjem iżjed fil-prattika din it-talba hekk qawwija lill-Missier.

Il-Mulej jgħinna biex f’dan ir-Randan, inħabirku biex permezz tal-ħniena u l-maħfra nirrestawraw l-imħabba u l-paċi kull fejn dawn huma mxellfin jew neqsin – fiż-żwieġ, fil-familji, fuq ix-xogħol, fil-komunita’, fis-soċjeta’, fil-politika.

Ejjew nirritornaw ilkoll f’Dar il-Missier.

Alla, Missierna, qed jistenniena niltaqgħu miegħu, sogħbiena għan-nuqqasijiet tagħna, biex permezz ta’ Ibnu li ġie biex jifdina, jagħmilna nies ġodda, ħbieb ma’ Alla u ma’ xulxin. Ma nibżgħux. Alla jistenna biss minna li nifttħulu qalbna għax huwa jixtieq jgħix fina.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b’rahan ta’ kull ġid mis-sema.

L-Erbgħa tar-Rmied, 1 ta’ Marzu 2006.

✠ **ĠUŻEPPI MERCIECA**
**Arċisqof ta’ Malta**

**Mons. Carmel Zammit**
**Kanċillier**